MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Numru 896/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
v

**EMANUEL BONNICI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL BONNICI** ta’ tnejn u hamsin sena bin Paul u Mary nee Grima imwieled Mellieha nhar l-erbgha ta' Lulju 1951 u residenti 17, 'Virage', Triq x-Xaghra ta' Barra, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita numru 568751M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bhala l-proprjetarju, u/jew amministratur tal-fond 'Top Kick Discount Store', sitwat fi Triq il-Kbira, Mellieha, bejn t-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 1996 u s-sittax ta' Lulju 2001, b’diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-

ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel l-kejl jew markar tal-meters tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku fl'ammont ta' disat elef sitt mija u hdax il-lira maltin sitta w hamsin centezmu u erbgha millezmi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bl-ammont ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe l-meter tad-dawl tal-ghamla Iskra bin-numru tas-serie 18541683 liema hsara tammonta ghal inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal hlas tal-ispejjes peritali f'kaz ta' htija.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro [fol 11 et seq].

Rat l-artikoli minghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta' Awissu 2004 [fol 91] sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 2004 [fol 94] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semhet lil partijiet jitttrattaw il-kawza fis-seduta tad-disgha ta' Mejju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tmienja ta' Jannar 2004 xehed l-espert tekniku Hugh Camilleri** [fol 51] fejn ikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tieghu esibita fil-process verbal relattiv [fol 23].

Illi mill-ezami tar-relazzjoni tal-perit tekniku nominat mill-Qorti Hugh Camilleri jirrizulta s-segwenti:

1. Illi tal-Enemalta marru fuq il-post **ghal spezzjoni** ghal gharrieda u mhux fuq xi rapport tal-konsumatur.
2. Illi l-konsumatur ma kienx l-ewwel sid tal-fond in dezamina u li l-konsumatur kien halla l-istess apparat ta' qablu.
3. Illi s-sigilli l-homor rrizulta li kienu mbaghbsin fis-sens li kienu miftuhin ghalkemm mhux inkullati, filwaqt li l-wire tar-*red phase* kien maqlugh minn gol-meter u b'hekk seta' ttiehed xi xokk.
4. Illi l-kamra fejn kien il-meter, ghalkemm seta' jidhol xi mpjegat, ma hiex accessibbli ghal pubbliku u l-fatt kien hemm kaxxi li setghu servew wkoll biex il-meter ma jaghtix fil-ghajn.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2004 xehed Paul Pantalleresco** [fol 54] fejn ikkonferma x-xhieda li kien ta fl-inkjesta nhar s-sittax ta' Lulju 2001. Qal li ma jiftakarx minn kien Emanuel Bonnici. Mistoqsi mill-Qorti jekk jaghrafx lil imputat ix-xhud wiegeb li m'gharfux bhala l-istess Emanuel Bonnici li hu kellu mieghu dakinhar tal-inkjesta. Fil-fatt spjega li l-ewwel darba li mar fuq il-post akkumpanjat minn membri ohra tal-Korporazzjoni lanqas kien cert li l-imputat kien hemm. Qal li mieghu kien hemm zgur David Camilleri electrical fitter mal-Korporazzjoni Enemalta dakinhar bhala kollega bl-istess responsabbilitajiet tieghu. Stqarr li dik kienet l-ewwel darba li mar fuq spezzjoni fil-fond in dezamina. Mistoqsi jekk sarux spezzjonijiet ohra fl-istess fond minn membri tal-Korporazzjoni Enemalta x-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Spjega li waqt l-ispezzjoni rrizulta li kien hemm tlett wires u wiehed minnhom kien fuq l-isolation u b'hekk ma kienx qed jirregistra konsum u s-sigilli ma kienux tajbin. Kompla jghid li peress li ma kienx fuq l-*conductor* u kien biss fuq l-*isolation*, l-kurrent ma setghax jghaddi b'hekk ried jfisser li 33% tal-load ma kienx qed jigi registrat. Mistoqsi jekk l-load partikolari ta' 33% jigix mizjud mal-*load* l'ohra ta' 67% ix-xhud wiegeb li le ma jahdimx hekk. Spjiega li f'kull

meter ikun hemm zewg sigilli tal-plastic li jinsabu fil-cover, tnejn ohra fuq barra fejn jigi terminat il-*connection*. Tnejn minnhom johorgu mill-Korporazzjoni Enemalta mill-cover u t-tnejn l'ohra jaghmluhom huma biex jitterminaw l-*connection*. Qal li f'dak l-kaz, sabu t-tnejn homor ta' barra rregolari. Qal li ma kienux kif suppost ghaliex fil-fehma tieghu deheru li kienu qishom gew miftuha b'xi *hairdryer* u regghu nghalqu.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2004 xehed Ian Vella** [fol 57] fejn qal li kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta. Huwa esibixxa dokument li jindika f'isem minn hu registrat l-meter in kwistjoni u cioe f'isem Emanuel Bonnici. Esibixxa wkoll *record of consumption* tal-istess fond kif wkoll *report of surprise inspection*. Dawn gew immarkati bhala dokumenti S, S 1 u S 2 rispettivament [fol 59 et seq]. Mistoqsi kemm il-darba saret spezzjoni f'dan il-fond x-xhud wiegeb li fl-inkartament li kellu quddiemu ma kienx jirrizultalu kemm il-darba, ghalkemm setgha jivverifika mad-dipartiment koncernat.

Illi **nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2004 meta rega' xehed Ian Vella** [fol 71] qal li mill-verifiki li hu ghamel rrizultalu li fil-fond in kwistjoni kienet saret spezzjoni wahda **ghall-gharrieda** nhar t-Tnejn, sittax ta' Lulju 2001 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu u dan wara li kien dahal rapport anonimu tlett ijiem qabel. Qal li ma kien jaf xejn dwar t-telefonata anonima ghaliex din tidhol fil-meter room mhux fejn ikun hu w l-kontenut tat-telefonata ma kienx jafha. Mistoqsi mid-Difiza sarux xi tiswijiet in konnessjoni mal-meter huwa qal li mhux dejjem ikollhom *records*. Qal li fuq il-meter in kwistjoni ma rrizultalux li saru spezzjonijiet ohra.

Illi **nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2004 xehed l-Ispettur Jeffrey Azzopardi** [fol 67] li qal li nhar s-sittax ta' Lulju 2001 ghall-habta tal-ghaxra u nofs kien mar certu Paul Pantalleresco, electrical fitter mal-Korporazzjoni Enemalta l-Ghassa tal-Mosta fejn ghamel rapport li wara spezzjoni li hu kien ghamel fil-fond 'Top Kick Discount Store' fi Triq il-Kbira, Mellieha, dan kien sab xi affarijiet

irregolari. Qal li hu kien informa b'dan lil Magistrat tal-Ghassa Dottor Abigail Lofaro li minn naha taghha kienet hatret lil Hugh Camilleri bhala espert tekniku sabiex jghinha fl-investigazzjoni. Qal li l-meter in kwistjoni kien tal-marka Iskra bin-numru tas-serie 18541683 u kien registrat f'isem Emanuel Bonnici ta' hamsin sena, detentur tal-karta tal-identita numru 568751M. Qal li minn dak li gie nfurmat bih rrizulta li s-sigilli l-homor ta' dan il-meter kienu miksurin u fil-hin tal-ispezzjoni dan kien qed jirregistra 617302 units. Qal li hu kien baghat ghal imputat li gharaf presenti fl-awla fejn hadlu stqarrija wara li gie moghti s-solita twissija fl-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 2001 fil-presenza ta' ex PS 139 Ronald Azzopardi. Huwa esibixxa l-istqarrija tal-imputat bhala dokument GA [fol 69 et seq] u fuqha gharaf kemm il-firma tieghu, kif wkoll ta' ex PS 139 Ronald Azzopardi. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuq r-rapport esibit fl-atti [fol 16] li hu kien ppresenta lil Magistrat tal-Ghassa Dottor Abigail Lofaro ai fini tal-inkjesti relattivi.

Illi **nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2004 xehed David Camilleri** [fol 73] u stqarr li hu kien assista lil Paul Pantalleresco fil-fond in kwistjoni, flimkien ma Joseph Formosa nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2001. Huwa kkonferma x-xhieda li kien ta nhar s-sittax ta' Lulju 2001 quddiem l-espert nominat mill-Qorti. Qal li fil-fond kien hemm *three phase meter* li kellu s-sigilli l-homor mbaghbsa. Qal li sabu wkoll, li l-*voltage* fuq r-*red phase* ma kienx qed jaghmel *contact* u b'hekk l-meter ma kienx qed jirregistra l-konsum b'mod regolari. Mistoqsi jekk dik kienetx l-ewwel darba li ghamel spezzjoni fil-fond in kwistjoni, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li waqt l-ispezzjoni l-imputat kien presenti ghalkemm ma ftakarx x'kien qal meta qalulu li kien hemm problema fil-meter. Lanqas ma ftakar jekk kienx sorpriz jew le. Qal li bejn wiehed w iehor kien qed jintilef *one third* tal-voltagg. Qal li ma kienx kompitu tieghu jghid kemm kien ilha dik il-problema fil-meter in kwistjoni.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehed Joseph Formosa** [fol 86] w ikkonferma li qal li hu jghin lil Paul Pantalleresco fix-xoghol mal-Korporazzjoni

Enemalta. Ftakar li jum minnhom kien ghamel spezzjoni ghall-gharrieda fil-fond in dezamina fejn kien hemm l-imputat presenti, li gharaf presenti fl-awla. Qal li lil imputat kienu qalulu li kienu marru biex jiccekkjaw l-arlogg u meta ezaminaw l-imsemmi arlogg sabu li kellu s-sigilli l-homor li ma kienux tajbin, l-*cover* tal-*base* kien miftuh w r-*red phase* kien maqlugh u ma kienx tajjeb. Qal li pero dakinhar l-imputat ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex il-meter instab f'dik il-kundizzjoni.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2004 xehed l-imputat** [fol 96] li qal li hu sid is-supermarket 'Top Kick Discount Store' sitwat fi Triq il-Kbira, Mellieha u li dan kien bnih fis-sena 1996 u sussegwentement kien applika biex jigi nstallat meter fih. Qal li f'dan s-supermarket hemm meter li fl-ahhar sentejn kien gie mibdul biex idur sewwa. Spjega li l-meter li kellu fis-sena 1996 ma kienx *digital*, kien bir-rota u fil-fatt ghall-ewwel li kienu fethu l-hanut kienu jdumu hinijiet twal miftuhin sal-hdax ta' bil-lejl izda wara sena bdew jnaqqsu l-hinijiet tal-ftuh. Qal li wara li nbidel il-meter il-kontijiet tbiddlu u kien jhallas inqas. Ix-xhud esibixxa kont li gie mmarkat bhala dokument EB [fol 98] li jkopri l-perjodu bejn s-sittax ta' Ottubru 2003 sas-sitta ta' Mejju 2004. Qal li t-tieni meter kien gie nstallat flok l-ewwe1 wiehed u kien mal-hajt maghluq b'bieba. Qal li meta tal-Korporazzjoni Enemalta kienu marru jbiddlu l-meter kienu qalulu li kellu xi haga hazin u hu kien rrispondihom " *mhux intom wahhaltuh*". Qal li l-ahhar li kienu marru jaghmlu spezzjoni kien xi sena u nofs jew sentejn qabel. Qal li l-ewwel meter kien ilu mwahhal hemmhekk mis-sena 1996.

Cahad li qatt mess l-meter in kwistjoni u qal li fil-fatt biex inqala dak li kellu hu kellu jnehhi l-kaxxi tal-hobz minn quddiemu. Qal li hu qatt ma ta struzzjonijiet biex xi hadd imiss l-meter, fil-fatt martu lanqas biss kienet taf fejn kien il-meter. Qal li ma kienx hu li kien talab li jmorru tal-Korporazzjoni Enemalta biex jghamlu spezzjoni fil-meter u li dawn kienu jmorru jispezzjonaw l-meter bejn darbtejn jew tlett darbiet fis-sena u li ghamlu zmien imorru kwazi kull sitt xhur jew kull tmien xhur pero qatt ma qalulu xejn.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2004 xehed Silvio Decelis** [fol 96] li qal hu kien ghamel *breakdown* u *record of consumption* tal-meters tal-imputat. Qal li hu kien gie moghti struzzjonijiet sabiex jahdem fuq l-formola indikat fid-dokument a fol 60 markat bhala dokument S 1 u dan ghaliex gieli kien hemm kazijiet fejn hu kien jara l-varjazzjoni bejn il-meter l-gdid u dak qadim u jasal ghal *assessment* tieghu. Qal li fil-kaz in ezami hu kien ghamel estimu pero s-superjuri tieghu kienu kkontestawh. Qal li meta kien ghamel l-*assessment* tieghu, l-Korporazzjoni Enemalta kienu fethu kawza civili lil klijent. Qal li dan ma japplikax ghal kaz in ezami u li kien sar hekk ghaliex il-klijent f'dak il-kaz ried jonora l-*assessment* li kien hareg hu. Qal li kien tela' l-kap tieghu jixhed f'dik il-kawza li hu l-istess kap li hadem fuq l-*assessment* in dezamina u kien qal li hu kellu jahdem l-kakoli tieghu fuq dak li jghidlu l-fitter. Qal li hu jahdem l-*calculations* tieghu fuq r-*readings* tal-fitter. Zied jghid li f'dik il-kawza civili pero l-Imhallef kien iddecieda li l-kalkoli tieghu kienu aktar reali. Qal li aktar 'l quddiem kienu qalulu li kellu jaghmel l-kalkoli tieghu fuq r-*readings* tal-fitter u b'hekk l-kompitu tieghu gie limitat hafna. Qal li ghalhekk kien kiteb l-kalkoli tieghu skond l-fitter b'*losses* ta' 33.3% u biex wasal ghad-*draw* sab li fil-gurnata tal-ispezzjoni kien qed jindika li ma kienx qed jirregistra fuq tlieta, fl-*assessment* tal-fitter kien qed jitlef *one third*. Qal li kellu jara kemm kien qed jitlef f'dik il-gurnata u sab li kien fl-ammont ta' 283 qabel s-sittax ta' Lulju 2001 u 283 huwa l-*average consumption per day*, 200%. Ix-xhud qal li ma jghamilx sens li l-kont naqas wara li nbidel l-meter jekk l-*load* baqghet l-istess. Fil-fatt, zied jghid, l-kontijiet kellhom jizdiedu u mhux jonqsu. Qal li hu dejjem jistaqsi jekk l-fitter taghhom jistax jipprova li kien hemm *loss* ta' 33% u dan ghaliex il-meter ghandu *three phases*. Il-fitter kull ma ghamel kien li ha l-*consumption*, *division by three* u ghalhekk ma jfissirx li huwa kollu difettuz u b'hekk mhux necessarju jasal ghal 33%. Qal li d-disat elef lira li qed tirreklama l-Korporazzjoni Enemalta inhadmet bid-differenza tal-*one third*.

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz

elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni imsemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Proprjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputat jkun d-detentur jew il-persuna li jkollu f'idejh l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat li allura jkollu jipprova hu li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

Il-Qorti f'dan l-istadju hija rinfaccjata b'xhieda moghtija minn Silvio Decelis, rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta li jghid li huwa ma kienx sodisfatt fuq x-xoghol li sar minn naha tal-Korporazzjoni sabiex waslu biex jghidu li l-imputat seraqhom s-somma ta' disat elef sitt mija u hdax il-lira maltin sitta w hamsin centezmu u erbgha millezmi. Jispjega fid-dettal kif effettivament kellha tinhadem s-somma.

Pero apparti dan kollu, il-Qorti tistghageb kif kien hemm dak li qalu li sabu l-espert tekniku u membri tal-Korporazzjoni waqt l-ispezzjoni ghall-gharrieda u cioe li

sabu sigilli mbaghbsin fis-sens li ma kienux kontrollati, meta kienu jmorru l-*meter readers* b'mod regolari.

Illi l-imputat xehed w ikkonferma li huwa qatt ma baghbas fil-meter jew qabbad lil min ibaghbas u fil-fatt kien sorpriz hafna li kienu qed isiru dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu. Qal li huwa dejjem hallas l-kontijiet b'mod regolari.

Haga stramba hi li l-Prosekuzzjoni qed takkuza lil imputat li kien ghamel qligh ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta ghal perjodu ta' bejn Marzu 1996 u Lulju 2001, meta, skond d-dokument "Z" esibit minn Ian Vella, rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta, l-*average units* dovuti kienu mitejn sitta w sittin punt sitta w tmenin punt sebgha. Issa fis-snin ta' wara u cioe minn Lulju 2001 sa Novembru 2004, l-average units per day kienu ta' mitejn sitta w tmenin punt tlieta w erbghin.

Illi ghalhekk d-diskrepanza fil-perjodu ndikat hija wahda minima biex ma nghidux negligibbli u ghalhekk **il-Qorti** thoss li l-Prosekuzzjoni m'irnexxiliex tipprova l-akkuza taghha sal grad rikjest mill-ligi u ghalhekk **tiddikjara li ma ssibx lil imputat EMANUEL BONNICI hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**Peress li l-Qorti lliberat lil imputat mill-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, hija mhux ser tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghal hlas ta' xi spejjez.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------